Din is-sena hi "s-Sena Ewropeja tad-Diżabilita" u dan is –seminar gie organiżżat bil-għan li jkun parti mill-attivitajiet li qed isiru f'din l-okkażżjoni. Qed isir ħafna xogħol, minn diversi għaqdiet, biex titneħħa l-istigma li hawn fuq id-diżabilita. Hawnhekk ta' minn isemmi l-avvanż li sar bill-ligi lokali "Opputunitajiet Indaqs ghall-Persuni b'Diżabilita" li ġiet introdotta biex tiġi kkontrollata d-diskriminażżjoni u tnaqqas l-istigma. Din il-liġi hi ta' għajnuna kbira f'dik li hi diskriminażżjoni fuq persuni b'diżabilita spċċjalment fil-qasam tax-xogħol.

Dan is-seminar hu fuq l-epilessija u t-tfal (EDUKAŻŻJONI). L-epilessija hi diżabilita li ilha teffettwa lill-persuna humana għall-eluf ta'snin. Din il-kundiżżjoni msemmija fit-Testment il-Qadim, fl-ewwel ktieb ta' Samuel kif ukoll fit-Testment il-Ġdid,f'Mattew K.9-V.14-29 fejn Gesu jiġi mitlub kiex ifejjaq tifel li jkun ippossedut mix-xitan. Għalkemm msemmija bħala possessjoni mix-xitan, is-sintomi mmsemmija huma kollha ta' l-epilessija. F'Mattew K.4-V.24 l-epilessija msemmija bħala l-marda tal-qamar. Importanti li wieħed jgħid li għalkemm din il-kundiżżjoni ilha teffettwa lill-bniedem għall dawn is-snien kollha, kien fl-aħħar mitt sena li saret riċerka u kien hemm avvanżi fit-trattament ta' din il-kundiżżjoni.

Minħabba f'hekk huma ħafna in-nies li ma jagħfux x' jiġiefiri l-epilessija, u peress li din hi kundiżżjoni li ma tidirx, dawk in-nies li ma jkunux involuti personalment, ma jkunx jinteresshom li jkunu jagħfu fuqha. Meta xi ħadd jkollu xi aċċessjoni quddiemhom, dawn in-nies jinħasdu ghax ma jkunux jafu x'hinu jigri. Fil-fatt din il-biża hija nfondata għax l-accessjonijiet jkunu għal ftit sekondi biss u mbagħad jerġa' jiġi kollox għan-normal.

L-epilessija hi diżabilita li tolqot (%) tat-tfal w adoloxenti fi żmien li jkunu għadhom qed jistudjaw u jizvilupaw it-talenti tagħhom. It-tfal tal-lum huma l-ġenerażżjoni ta' ghada u għalhekk għandhom ukollhom edukażżjoni tajba u jitthallew jiżviluppaw it-talenti tagħhom. Wara l-skola t-tfal jattendu wkoll għaqdiet reliġjużi, sportivi jew soċjali. Huma għandhom jiġu mgħallma, kemm jista jkun miċ-ċokon, x'inhi l-epilessiji speċċjalment jekk fil-klassi jkollhom lil xi ħadd li għhandu din il-kundiżżjoni. Dan għandu jsir ħalli jekk xi ħadd ikollu aċċessjoni quddiemhom, huma ma jinħassdux u kjunu jafu x'għandhom jagħmlu. Huwa mportanti li t-tfal jiġu mgħallma fuq il-kundiżżjoni ħalli jekk persuna jkolla aċċessjoni huma jkunu jafu kif għandhom jġibu ruħhom ħalli dik il-persuna ma tħossiex embarassanti jew barra minn postha.

Darba waħda iltqajt ma' persuna li kienet tieħu ħsieb klabb taż-żagħżagħ. Xogħolu hu t-tmexxija w organizzazjoni ta' attivitajiet fil-klabb. Tfajliet u ġuvintur jattendu biex iqattaw il-ħin liberu tagħhom u jkunu jistaw jespandu il-ħajja soċjali tagħhom. Aħna bdejna nitkellma u din il-persuna bdiet tirrakontali każ li kien seħħ hemm ġew. Żagħżuħ li għandu l-epilessija kien jattend f'dan il-klabb. Iż-zagħzuħ hu persuna intellettwali, jattendi skola sekondarja w kapaci fl-istudju tiegħu. Ġurnata fost l-oħrajn dan il-ġuvni kellu aċċessjoni fil-klabb u beda jgerrer u forsi għolla leħnu waqt li kien mitluf min sensieħ. Din il-ħaġa reġat seħħet darba oħra u beda jgħajjat. Hu ma seta jagħmel xejn biex tiġi evitata din is-sitważżjoni. F'dawk l-okkażżjonijiet iż-żagħżagħ inħassdu u kien hemm minn minnhom li

beda jibża. Dan seħħ għax huma ma kienux ippreparati għall din il-ħaġa. Il-persuna li kienet tiegħu ħsieb il-klabb reidet tiprotegi liż-zagħzagħ u għalhekk qalet lil dan iż-żagħżugħ biex ma jattendix iktar. {add ma jista jirealizza r-reażżjoni ta'dan iż-żagħugħ kif ukoll tal-familjari tiegħu. -----------CORRECT.

xxxxxxxxxxxxxxxxxx Meta jien smajt dan, jien ftakart f'sitważżjoni simili li kont għaddejt minna jien stess, u għalhekk għatlu li ma kienx għamel sew. Imma hu weġiebni u qalli li għamel hekk għaliex meta iż-żagħżuħ kien ikollu aċċessjoni, kien jibda jgħajjat, u iż-żagħżaħ l-oħra kienu jibqu maħsuda u ma riedx li jkun hemm xi problemi li jkun responsabli għalihom. Jien irrispondejt u għatlu li bħala persuna inkarigata mill-klabb missu wera lit-tfal l-oħra kif għandhom jaġixxi, jew għall inqas jieħu parir mingħand xi ħadd li għandu x'jaqsam m' affarijiet simili. Kieku din il-persuna kienet ippreparata għall dak li seta jiġri, kien ikun kapaċi jikkontrolla s-sittważżjoni Xi jiem wara iltqajt mad-direttur tal-klabb u waqt li konna qedin nitkellmu qajjimt il-kas miegħu. Hu qalli li kien jaf kollox imma ma segħta jagħmel xejn għax it-tifel kien jaqbad jagħjat u jagħmel ħafna storbju. Jien għatlu li kien jiddispjeċini li kien qed jirraġuna hekk, għaliex jien għandi l-istess kundiżżjoni li għandu iż-żagħżuħ, u ma nħoss li għandu jiġri hekk lill dik il-persuna għax għanda l-epilessija. Hawnhekk dan id-direttur aċċertani li kellu jiċċekja w jara kif jista jirranġa is-sittważżjoni.

Meta wieħed iqis li dan kien għadu ġuvni ta' tletax il-sena, ma tistax ma taħsiebx kif ħaġa bħal din tista teffettwa l-ħajja tiegħu. Dan għaliex hu jista jidba jaħseh li ħadd ma jrid ikun ħabib tiegħu, jew li minħabba nies bħal dawn, ma jkunx jista jitħallat ma nies oħra fis-soċjeta. Dan barra l-effett negativ li ħaġa bħal din ikollha fuq il-qraba, speċjalment il-ġenituri, bħal ma ġara fil-każ ta' dan il-ġuvni